



# Balzunetta u l-Festa ta' San Publju

*minn Nigel Holland*

**Uħud mill-aktar ġrajjiet interessanti li jikkonċernaw lil Balzunetta huma dawk li għandhom x'jaqsmu mal-Festa ta' San Publju, il-festa titulari tal-Floriana.**

**L-istatwa maestuża tal-Patrun tal-Floriana (u ta' Malta wkoll) telgħet Balzunetta għall-ewwel darba fl-1960, jiġifieri 149 sena wara li rat id-dawl għall-ewwel darba minn id l-iskultur ċelebri Vincenzo Dimech.**

Irrakkontawli anzjani li San Publju ma kienx jitla' Balzunetta minħabba l-ambjent tal-ħwienet tal-baħrin, swali taż-żfin, etc. Dan jista' jkun konfermat mill-fatt li meta eventwalment tela' għall-ewwel darba, jiġifieri f'Jum il-Festa, il-Ħadd, 3 ta' Lulju, 1960*1, Balzunetta kienet ġa bdiet tmajna sew bħala post ta' divertiment għan-nies tas-servizzi u aktar kien jirrenja l-kwiet milli l-istorbju ferrieħi tagħhom. Aktar minn hekk, qabel ma tela' Balzunetta San Publju, kien diġa' tela' xi ħadd bil-bosta aqwa minnu, u l-Patrun b'din żgur mhux ser jieħu għalih, għax qed nirreferi għal Gesu' Kristu nnifsu fis-Sagrament iMqaddes. Fil-fatt kien fil-Ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor, meta bil-ħidma tal-mibki Arċipriet Anton Debono, kienet bdiet issir il-proċessjoni tal-Qalb ta' Ġesu' li sa dak iż-żmien kienet l-unika proċessjoni li tgħaddi minn Balzunetta. Allura bir-raġun li n-nies ta' Balzunetta bdew jinsistu li ladarba tela' s-Sagrament Imqaddes ma kien baqa' l-ebda skuża oħra għalfejn ma kellux jitla' wkoll San Publju!

## San Publju jitla' Balzunetta

Ittra miktuba mis-Sur Anthony Piscopo, taħt il-psewdonomu 'Anton',*2 f'Il-Berqa' tal-25 ta' Ġunju, 1959*3, tikkonferma li 'Waħda mix-xewqat kbar li għandhom wħud mill-poplu tal-Furjana, u dawk kollha li joqogħdu fil-parti ta' Barcelonetta (Balzunetta) hi li l-proċessjoni bl-istatwa ta' San Publju titla' f'din il-parti tal-Furjana' u l-korrispondent ikompli jsaqsi '... Għaliex m'għandhiex tinqata' din ix-xewqa Hemm xi diffikulta' ...'.

Meta wieħed jixtarr l-ittra tas-Sur Piscopo jasal għall-konklużjoni li kien hemm min m'għoġbitux ukoll l-idea u dan hu kkonfermat f'ittra sussegwenti li s-Sur Anthony Piscopo, din id-darba taħt ismu, kiteb fl-istess gazzetta fil-15 ta' Ġunju, 1960, fejn fir-rigward tas-suġġeriment tiegħu fl-ittra preċedenti biex San Publju jitla' Balzunetta qal li '... Kien hemm min ried donnu jwaqqaf tribunal biex jittieħdu passi kontra l-korrispondent li ma kienux jafu min hu.'*4 Iżda s-sewwa kien rebaħ u l-entużjazmu tan-nies ta' Balzunetta ħadd ma kien ser iżommu u s-Sur Piscopo kompla li l-ħolma tiegħu '... sa ftit xhur ilu kienet attakata u forsi injorata, imma llum f'Barċelonetta (Balzunetta) qegħdin isiru preparazzjonijiet li f'din il-parti tal-Furjana qatt ma saru bħalhom.'*5

Kien hemm nies oħrajn li kienu strumentali biex San Publju jitla' Balzunetta u fost dawn kien hemm il-mibki Ġużeppi "Kennedy" Alamango li kien irrakonta 'Minn Balzunetta ma kien jgħaddi xejn, donnu ma konniex nagħmlu parti mill-Furjana! Arċipriet kellna lil Dun Anton Debono li konna kellimnih li nixtiequ xi ħaġa u hu ħolqilna l-Proċessjoni tal-Qalb ta' Ġesu'. Meta konna rajna li din irnexxiet bdejna niddiskutu miegħu biex itellgħalna l-Proċessjoni fil-festa wkoll, imma Debono kien miet ħesrem meta kien Ruma. L-istess negozjati komplejniehom mal-Arċipriet Carmelo Xuereb ... u għalkemm ma kinitx ħaġa faċli, kien serraħli rasi li din il-proċessjoni jagħtihielna.' Alamango kkonferma wkoll li kien hemm uħud magħrufa fis-sagristija li kien jagħmlu pressjoni fuq l-Arċipriet Xuereb biex ħaġa bħal din ma sseħħx.*6

Huwa mertu kbir tal-mibki maħbub Arċipriet Carmelo Xuereb li ma ċediex għall-pressjoni u l-aċċettazzjoni tiegħu li l-vara titulari ta' San Publju titla' Balzunetta huwa wieħed mill-aktar aspetti memorabbli u sinifikanti tal-parrokat tiegħu. Anzi, ta' min jgħid li kien hemm arċiprieti oħra mill-Arċipriet Anton Debono 'l hawn li ħadmu biex jintroduċu xi ħaġa ġdida f'Balzunetta fil-Festa ta' San Publju u b'hekk jinħass tassew li din iż-żona hija parti integrali mill-festa tal-Floriana, kif hi u kif għandha tkun.

Tajjeb jingħad ukoll li kien tassew xieraq li San Publju jitla' Balzunetta għall-ewwel darba fl-1960 għax dik kienet sena speċjali fejn il-Floriana u Malta kienu qed jiċċelebraw id-IX-il ċentinarju tal-Episkopat ta' San Publju fl-istess ħin li kienu qed isiru wkoll il-festi kbar biex jitfakkar l-istess ċentinarju tal-miġja ta' San Pawl f'Malta.

## Il-festa f'Balzunetta fi żminijiet oħra

Irid jingħad ukoll, iżda, li l-anqas fiż-żmien li Balzunetta kienet għadha ħajja u medhija sew b'attivita' kummerċjali li tipprovdi divertiment għas-suldati u l-baħrin Ingliżi, ma jfisser li kienet totalment maqtugħa mill-Festa ta' San Publju. Nafu li għallinqas sa mill-1948, għad li, kif għidna, il-vara titulari ta' San Publju ma kinitx tagħmel wirja Balzunetta, kienu jgħaddu l-marċijiet u fost l-oħrajn kienet iddoqq il-banda Furjaniża, il-Banda Vilhena.

B'danakollu in-nies ta' Balzunetta ġieli ħassew li l-festa fin-naħa tagħhom kienet waħda sforzata u l-garr u r-risentiment tan-nies li jabitaw f'dawn l-inħawi, f'dan ir-rigward, f'xi mumenti baqa' nieżel sa żmienna wkoll.

Il-garr ġieli kien iwassal għal protesti wkoll. F'ittra*7 li tinstab fil-Korrispondenza tas-Soċjeta Filarmonika Vilhena, insibu li kien hemm soċju li kiteb lis-soċjeta, fejn qal li qed jikteb għan-nom ta' sħabu oħrajn wkoll, biex jipprotesta għax il-banda għaddiet minn Balzunetta '... bil-ġiri bħal sajjetta u mank biss daqqew l-innu quddiem il Madonna'*8 kontra dak, kompla l-kittieb, li għamlet banda barranija li meta waslet '... quddiem il Madonna daqqet l-innu u anki mxew man-nies'.

Imbagħad faqqgħet l-akkuża! Dan is-soċju saqsa jekk il-banda Vilhena kinitx għamlet hekk '... għax forsi aħna ta' Balzunetta ma ngħamlux sehem mal Furjana, għax jekk inhu hekk, allura aħna nitilqu min soċi'.*9 Dan jikxef ukoll fatt interessanti, għallinqas mil-lat storiku, li għal ħafna snin kien hemm min kien iħoss li teżisti xi qasma bejn Balzunetta u l-bqija tal-Floriana. Din hi xi ħaġa li llum, għall-grazzja t'Alla, jidher li spiċċat għal kollox u ninsabu maqgħudin kollha kemm aħna bħala familja Furjaniża waħda.

Minkejja xi diżappunti li semmejna, iżda, l-entuzjażmu tan-nies ta' Balzunetta għall-Festa ta' San Publju kienet anki riflessa mill-fatt li għalkemm il-proċessjoni bil-vara ma kinitx titla' hemmehekk xorta kienu jagħmlu l-almu tagħhom biex joħolqu atmosfera ta' festa. Per eżempju, nafu li fl-1954 ġew imżanżna għadd ta' pavaljuni ġodda li kienu saru mingħajr ħlas mis-Sur Ġulinu (Angiolino) Debattista, bniedem b'rabta kbira mas-Soċjeta' Filarmonika Vilhena*10 u l-armar u ż-żarmar tagħhom sar minn Balzunettisti stess.

## Kumitat tal-festa ta' Balzunetta

Xhieda oħra tal-entużjażmu tal-Balzunettisti għall-Festa ta' San Publju kien li għal xi żmien dawn kellhom kumitat tal-festa għalihom li kien jieħu ħsieb it-tiżjin f'dawk l-inħawi, b'dak l-armar sabiħ u uniku li kien jikkonsisti f'pavaljuni maqtugħin miċ-chipboard, u n-nar li kien jinħaraq minn fuq diversi bjut. Dan il-kumitat kien jirsisti wkoll biex jiġbor il-flus għal dawn l-għanijiet. Kien ovvju li dan l-entużjażmu sploda mal-mument li tħabbar li l-vara ta' San Publju kienet ser tibda titla' Balzunetta wkoll u kompla jitkattar wara din l-okkażjoni memorabbli tant li l-armar uniku li għadna kif semmejna żżanżan sena wara biss, fl-1961, u għal min jiftakru, bħali, jibqa' fil-memorja għall-fatt li kien armar mhux tas-soltu.

Tajjeb ngħidu hawn għalhekk, ukoll, li minkejja l-inċident li semmejna aktar 'il fuq, ir-relazzjonijiet bejn n-nies ta' Balzunetta u l-banda Furjaniża kienu ġeneralment tajbin tant li kien hemm anki koperazzjoni fir-rigward ta' ġbir ta' fondi għall-benefiċċju taż-żewġ naħiet u nsibu li saħansitra fl-1968 kienu saru numru ta' fieri bi sħab fl-Argotti bejn dan il-kumitat ta' Balzunetta u s-soċjeta mużikali tagħna*11 u koperazzjoni simili nsibuha anki fis-snin ta' wara.

Dan il-Kumitat tal-Festa ta' Balzunetta kien għadu jeżisti għallinqas sa l-1973 għax f'Ġunju ta' dik is-sena dan il-kumitat kien organizza fiera bi sħab mas-Soċjeta' Filarmonika Vilhena. Jidher iżda li il-kumitat tal-festa Balzunettist ma damx jeżisti wisq wara din l-okkażjoni li qed insemmu għax nafu fi żgur li kien ġa xolt xi żmien fl-1974 meta f'dik is-sena kollox kien ġie ċċentralizzat taħt kappa waħda f'dik li hija organizzazzjoni tal-festa fil-Floriana.

## San Publju 'ta' Balzunetta'

Il-qofol tal-Festa ta' San Publju f'Balzunetta jintlaħaq fl-aħħar Jum tat-Tridu meta jsir 'il-marċ tal-ġimgħa' bl-istatwa ta' San Publju 'ta' Balzunetta', kif inhu magħruf popolarment, fejn lejn tmiem il-marċ din l-istatwa titqiegħed fuq pedistall f'salib it-toroq ta' Triq l-iLjun ma' Triq il-Konservatorju.





Ġużeppi Alamango u dawk kollha li ħadmu miegħu kellu sehem kbir ukoll biex ikabbru l-Festa ta' San Publju f'Balzunetta meta għamlu din l-istatwa għall-'marċ tal-Ġimgħa'. Qabel ma saret din l-istatwa kienu jużaw l-istatwa li għal dawn l-aħħar 29 sena tinħareġ fid-dimostrazzjoni fil-festa tat-tfal. Wara l-marċ kienu jtellgħuha fuq xkaffa eżatt fejn itellgħu l-istatwa llum, pariġġ il-Madonna ta' Lourdes.

Kien ħaten Ġużeppi Alamango, Ġanni Camilleri li kellu pastizzerija fi Triq il-Konservatorju li kien ukoll fil-Kumitat li kien talab lil Alamango biex imur għand Wistin Camilleri ta' Għawdex u jordna statwa kif fil-fatt għamel.

L-istatwa kien ħallasha Ġanni Camilleri waqt li l-anġli kienu tħallsu mill-fond tal-Kumitat.*12

## Il-festa f'Balzunetta llum

Mument importanti ieħor fil-festa f'Balzunetta huwa meta l-vara titulari ta' San Publju, fil-proċessjoni ta' jum il-festa, tieqaf għal ftit minuti f'salib it-toroq ta' Triq l-iLjun u Triq il-Konservatorju u jingħad xi talb.

L-iskop wara din id-drawwa, li daħlet fi żmien il-parrokat ta' l-Arċipriet Kalċidon Vassallo, nibtet ukoll mill-idea li l-vara titulari tqatta' ftit aktar ħin fl-Akwata għax huwa fatt magħruf li fl-imgħoddi ġieli kien hemm ilmenti li din tgħaddi riħ minn Balzunetta.

Ta' min jgħid li s-sena l-oħra, l-2008, rat żvilupp ieħor storiku għall-festa f'Balzunetta, taħt il-parrokat tal-arċipriet preżenti il-Wisq Reverendu Dun Richard Borg, meta għall-ewwel darba t-Traslazzjoni tar-Relikwa ta' San Publju bdiet ġewwa Balzunetta, eżattament mill-Kappella tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, avveniment ukoll storiku fih innifsu, u għaddiet minn Triq il-Konservatorju u (triq) Il-Mall u qasmet (ġnien) Il-Mall fid-direzzjoni u għal ġol-knisja arċipretali u parrokkjali tagħna.

**Illum il-Furjaniżi li joqogħdu fl-akkwati ta' Balzunetta għadhom akkaniti għall-Festa ta' San Publju daqs kemm kienu dawk li ġew qabilhom u j'Alla li jkomplu jsiru l-isforzi kollha biex din il-festa tibqa' qawwija u tikber f'din il-parti tal-Floriana.**

**U l-Furjaniżi tal-inħawi ta' Balzunetta, u l-Furjaniżi kollha mseħbin magħhom, għandhom għalfejn iħarsu lejn iċ-ċentinarju storiku li ġej fl-2010, li jfakkar l-400 sena mid-dikjarazzjoni ta' San Publju bħala Patrun u Protettur ta' Malta, b'entużjażmu akbar għax b'kumbinazzjoni sabiħa is-sena 2010 jaħbat ukoll il-50 anniversarju minn mindu San Publju tela' Balzunetta għall-ewwel darba ... u għas-snin kollha li ġejjin ukoll!**

*Noti u Riferenzi*

1 Il-Festa ta' San Publju f'dik is-sena kienet iċċelebrata bil-kbir bejn id-19 ta' Ġunju u t-3 ta' Lulju minħabba li kien ħabat id-XIX-il ċentinarju tal-Episkopat tal-Patrun tagħna

*2 Is-Sur Anthony Piscopo innifsu kkonferma li kien l-awtur tal-ittra f'ittra susegwenti fl-istess gazzetta li għaliha qed nagħmel riferenza aktar 'l isfel

*3 Il-proċessjoni ta' San Publju f'*Il-Berqa*, Nru. 8,374., Il-Ħamis, 25 ta' Ġunju, 1959., p. 7

*4 Il-purċissjoni ta' San Publju f'*Il-Berqa*, Nru. 8,676., L-Erbgħa, 15 ta' Ġunju, 1960., p. 7

*5 *Idem*

*6 Twannie Piscopo, Ġużeppi "Kennedy" f'*Il-Furjana*, Vol. V, Jannar-Marzu 1997, No. 26, p. 9

*7 Datata 21 .04.1948

*8 L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li tinsab f'salib it-toroq ta' Triq il-Konservatorju u Triq l-iLjun

*9 Il-kwotazzjoni qed tinġieb eżatt bil-Malti kif kienet miktuba fl-ittra

*10 Wisq probabbli li Ġulinu Debattista huwa fost l-aktar persuni li serva fil-Kumitat tas-Soċjeta' tul is-snin, għallinqas mill-1927 sa l-1962, medda ta' mhux anqas minn 35 sena. Jista' jkun li f'dawn is-snin kollha kien barra mill-Kumitat għal perjodu qasir ħafna, madwar l-1943. Serva f'karigi differenti, iżda l-aktar bħala Direttur tal-kazin. Debattista żgur li jixraqlu artiklu separat fuqu

*11 Victor A. Camilleri, L-Għaqda bejn l-Għaqdiet f'*Il-Furjana*, Ottubru-Diċembru, 1968

*12 Twannie Piscopo, Ġużeppi "Kennedy" f'*Il-Furjana*, Vol. V, Jannar-Marzu 1997, No. 26, p. 9